

## Giacomo Della Chiesa, Il-Papa Benedettu XV

1914 1922

Laħaq Papa meta f'Awwissu 1914 il-predeċessur tiegħu, il-Qaddis Piju X miet b'qalbu maqsuma hekk kif ra tfaqqa' l-Ewwel Gwerra Dinjija. Bħal Piju XII fl-1939, hekk ukoll Benedettu XV, mal-ftuħ tal-pontifikat tiegħu kellu jara l-massakru ta' gwerra daqstant qalila. L-appelli kontinwi għall-Paċi lill-ġnus ta' Benedettu XV waqgħu fuq widnejn torox. Il-mexxejja injorawh.



# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com

Ħarġa Nru 42



Huwa fatt mill-aktar notevoli li tul il-Pontifikat tiegħu, u preċiżament, bejn Mejju u Ottubru 1917, meta fir-Russja kienet qed isseħħ ir-Rivuluzjoni Bolxevista Komunista b'dak kollu li kellu jseħħ wara, fl-istess perjodu, bejn Mejju u Ottubru 1917, ġo għalqa fil-Portugal, il-Verġni Mbierka kienet qed tidher għal sitt darbiet lit-tlett itfal ta' Fatima. Hemm hija stqarret li hija s-Sultana tar-Rużarju Mqaddes u s-Sultana tal-Paċi.

**Ighid il-Papa Benedettu XV: It-talba tar-Rużarju hija perfetta minħabba t-tifħir li toffri, il-lezzjonijiet li tgħallem, il-grazzji li tikseb u l-vittorji li ġġib.**

**L-Imqaddes Rużarju huwa talba mill-aktar addattata biex trawwem id-devozjoni u kull virtù. Il-Papiet ma tilfu l-ebda okkażjoni biex jirrakkomandaw ir-Rużarju u għanewh b'Indulġenzi Appostoliċi. Fl-aħħarnet, nixtiequ li din tkun kura speċjali tad-Dumnikani – it-tixrid u l-użu frekwenti tar-Rużarju fost il-poplu nisrani. Qed nagħmlu din l-eżortazzjoni f'dawn iż-żmenijiet hekk imwiegħra.**

**Jekk waqt it-tentazzjoni ssejjaħ lill-Verġni Mqaddsa, hija tiġi fil-pront biex tgħinek, u Satana jitilqek.**

San Ġwann M. Vianney